MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Numru. 325/2006

PULIZIJA
SPETTUR CARMEL ABDILLA
VS
BRIAN ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brian Zammit, ta’ 30 sena, iben missier mhux maghruf u Antonia nee’ Zammit, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Lulju 1975 u residenti gewwa Irene Flats, Flat 3, Valley Road, Balzan, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 425975(M), u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta’ Marzu 2006, f’xi hin wara d-disgha ta’ filghaxija (9pm), fi Triq Birkirkara, San Gwann, u/jew fil-vicinanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABM 901, tal-ghamla Toyota Vitz, ghad-dannu ta’ Nadia Borg minn San Gwann, liema hsara teccedi aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50), l dan ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6) u tal-imputat (a fol 10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-obbligazzjoni li saret in atti, fis-sens illi l-imputat obbliga ruhu li bl-ebda mod mhu ser jimmolesta, idejjaq jew javvicina lil Nadya Borg, il-familja u l-propjeta' taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat hallas l-ispejjez kollha lill-kwerelanti in konnessjoni mal-hsara tal-vettura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------